GUDJA

Minuti tal-wieħed u sittin (61) laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 28 ta' Jannar 2013 fis-5.45p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John-Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillier; | Anthony Dalli |

| | | |
|---|---|---|
| Skużati: | Kunsillieri; | Mark Anthony Sammut u Osvaldo Pace |

Agenda:-

1. Approvazzjoni ta' minuti – 56/6 (05 ta' Diċembru 2012)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsillieri

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Aġġudikazzjoni ta' kwotazzjonijiet:-
   a. Quot/016/2012 – Transport service
   b. Quot/017/2012 – Street light maintenance - Gudja

5. Aġġudikazzjoni ta' tenders:-
   a. Tender no. GLC/013/2012 –Supply and delivery of Concrete

6. Xogħlijiet u Progress
   a. Triq San Pawl
   b. Toroq oħra:- Triq il-Kbira, Triq Birzebbuga, Triq Sta Katarina, Triq J. Pace, Triq id-Dejqa, Triq San Mark, Triq il-Fidwa, Wesgħet A. Dalli, Triq Hal Resqun, Triq Hal Safi u Triq F.Castagna
   c. UIF - Ġnien Raymond Caruana
   d. Residential Parking Scheme
   e. Konkos qalb l-għlieqi – Triq Birżebbuġa.

7. Skema ta' Impjieg Inklussiv fil-kommunita

8. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

9. Għeluq tal-laqgħa

**Ftuħ tal-laqgħa**

Il-laqgħa bdiet fis-6.05p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa kemm is-Sindku kif ukoll il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier preżenti speċifikaw u qablu li l-laqgħat msejħa qabel ma sarux inħabba li l-Kunsillieri ma setgħux jattendu minħabba raġunijiet personali u familjari kif ukoll impenji oħra tal-Kunsilleri msejħa mingħajr pre-avviż.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 56/6 (05 ta' Diċembru 2012)**

1.1 Dawn il-minuti li ġew ċirkulati għand il-Kunsillieri kollha qabel il-laqgħa ġew approvati nem con.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Xogħol fi Triq il-Kbira – bankina. Is-Sindku qal illi kellu diversi laqgħat kemm mal-Perit William Lewis u l-kuntrattur Mario Spiteri dwar dan ix-xogħol.

Saret diskussjoni dwar li xogħol kien qed jieħu żmien aktar minn dak previst u dwar li waqt dan ix-xogħol inkixef xelter li jeħtieġlu xogħol ta' kostruzzjoni u manutenzzjoni.

F'dawn iċ-ċirkustanzi ġie deċiż illi għaż-żmien li ġej ix-xogħol għandu jiġi limitat sa Rita Store – 101 Triq il-Kbira u li l-proġett jitkompla wara meta jinħatar Kunsill ġdid.

Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur għandu jiġi avżat dwar dan u li xogħol għandu jitlesta sal-25 ta' Frar 2013.

2.1.2 Ħarġa għal Kulħadd. Is-Sindku qal illi jkun xieraq li tiġi organizzata ħarġa għar-residenti tal-Gudja peress li attivita bħal din hija meqjusa bħala attivita soċjali.

Il-Kunsill qabel li din il-ħarġa ssir nhar l-Erbgħa 27 ta' Frar 2013 u li jitħalsu €4.00 minn dawk li ġejjin u l-kumplament jitħallas mill-Kunsill.

Il-post jiġi magħżul wara li jsir stħarriġ dwar il-post li jkun l-aktar xieraq u vantaġġjuż.

2.1.3 Mera – Triq Birżebbuga (l-isfel mill-bore hole). Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li tiġi mwaħħla din il-mera sabiex jiġu evitati inċidenti ta' vetturi li jkunu ġejjin minn direzzjonijiet diversi.

2.1.4 Mirja fi Triq Ħal Tarxien Gudja. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li jiġu mwaħħla dawn il-mirja fi Triq Ħal Tarxien liema mirja kienu nqalgħu meta sar xogħol ta' resurfacing fi Triq Ħal Tarxien u li ma ġewx imwaħħla lura meta tlesta dan ix-xogħol.

2.1.5 Traffic lights li ġew mwegħda minn Trasport Malta (TM). Is-Sindku ġibet l-attenzjoni li minkejja li t-TM ilha żmien li wegħdet dawn it-traffic lights dawn għadhom ma sarux.

Is-Sindku fakkar illi t-traffic lights ta' BurĠlat ilu li kellhom issur sa minn Lulju 2012 u dawk ta' Triq Ħal Resqun (ħdejn l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja) ġew imwegħda li kellhom issiru f'Jannar 2013.

Il-Kunsill qabel li għandha tkompli l-pressjoni sabiex dawn it-traffic lights li huma ferm meħtieġa jiġu mwaħħla mit-TM mingħajr aktar dewmien.

2.1.6 Xogħol fi Triq il-Lewż Il-Gudja. Is-Sindku qal illi f'din it-triq hemm parti li qatt ma ngħatat tarmak u teħtieġ li tiġi asfaltata kif inhu xieraq. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lit-TM sabiex issiru dawn ix-xogħlijiet li huma tant meħtieġa għar-residenti.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Soft area fi Triq Ħal Tarxien Il-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li hemm ħtieġa li jiġi rranġat xogħol peress li hemm ċint li jinsab imżaqqaq peress li dan huwa perikoluż u li malli tmissu jista' jiġi f'idejk.

Il-Kunsill iddeċieda li dawn ix-xogħlijiet jiġu rranġati malajr kemm jista' jkun u jista issiur mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

2.2.2 Rikonoxximent ta' dawk il-voluntiera li ħadmu mal-Kunsill fl-attivita 'Milied ta' Dari'. Is-Sur Baldacchino qal li f'isem il-Kunsill xtaq juri r-ringrazzjament u rikonixximent tax-xogħol volontarju li għamlu diversi persuni u għalhekk kien qed jipproponi li nhar is-Sibt 23 ta' Frar 2013 fis-1.00p.m. issir bibita fil-Life Long Learning Centre. Għal din il-bibita għandhom jiġu mistiedna l-voluntiera kollha li ħadu sehem fl-attivita ta' 'Milied ta' Dari'.

Is-Sur Baldacchino qal li din l-attivita għalkemm attivita żgħira, għandha tħajjar aktar voluntiera jersqu lejn il-Kunsill u jieħdu sehem fil-ħidma tal-Kunsill b'mod volontarju.

## 2.3 Kunsillieri

2.3.1 Anthony Dalli

a. Xogħol fi Triq Bur Ġlat (in-naħa tal-għelieqi). Is-Sur Dalli qal li hemm bżonn li jisr xogħol ta' manutenzzjoni sewwa f'din il-parti tat-triq għaliex qed ikun hemm diversi ilmenti dwar li din il-parti tat-triq tant bżonjuża għal diversi bdiewa kważi mhux aċċessibli speċjalment meta tagħmel ftit xita.

Saret diskussjoni u l-Kunsill iddeċieda li jibqa mad-deċiżjoni 2.1.15 tal-laqgħa tal-05 ta' Diċembru 2012.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Il-Kunsill ġie infurmat li l-ilmenti li waslu għand il-Kunsill u li kien ta' natura ordinarja ġew trattati u solvuti fi żmien qasir.

Dawk l-ilmenti li ħtieġu servizz ta' entitajiet oħra ġew referuti lill dawn l-entitatjiet u dawn l-ilmenti jiġu solvuti għas-sodisfazzjon ta' min ikun qajjem l-ilment.

3.1.2 F'dan l-istadju s-Sindku qal li hemm il-ħtieġa urġenti li parti ta' trejqa fi Triq Birżebbuġa tingħata l-konkos. Il-Kunsill għamel referenza għad-deċiżjoni tal-Kunsill 2.1.14 tal-laqgħa tal-05 ta' Diċembru 2012. Il-Kunsill qabel li wara li tinkiseb l-istima tal-Perit tal-Kunsill tissejjaħ laqgħa b'urġenza sabiex titratta din il-materja.

3.1.3 07 Triq Santa Katarina Il-Gudja. Talba għal single yellow line ta' metru f'kull naħa. Is-Sindku qal li din it-talba ġiet ikkonsidrata anke ftit taż-żmien ilu iżda ma tistax tiġi kkonsidrata peress li dawn ma jistgħux issiru peress li fil-post hemm imwaħlin żewġ siġriet li ma jippermettux li jsiru dawn is-sinjali.

3.2.0 Ittri li ntbagħtu

3.2.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-ittri li ntbagħtu u ddeċieda li jkompli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

3.2.2 Il-Kunsill għamel referenza dwar il-korrispondenza partikolari dwar il-konfini speċjalment li għandu jiġi koreġut l-iżball peress li fil-preżent l-Att dwar il-Kunsilli Lokali qed juri li l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta jinsab fil-konfini ta' Ħal Luqa.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

3.3.2 Anke f'din l-istanza l-Kunsill għamel referenza dwar il-korrispondenza partikolari dwar il-konfini speċjalment li għandu jiġi ikkoreġut l-iżball peress li fil-preżent l-att dwar il-Kunsill Lokali qed juri b'mod żbaljat li l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta jinsab fil-konfini ta' Ħal Luqa.

**4.0 Aġġudikazzjoni ta' kwotazzjonijiet.**

4.1 Quot/016/12 – Transport Service. Saret konsiderazzjoni tal-offerit li rċieva l-Kunsill u wara deliberazzjoni ġie deċiż li l-aħjar offerta hija dik ta' Paramount Coaches u għalhekk għandha tingħata lill Paramount Coaches għall prezz kif ikkwotat u skond it-termini kollha tal-offerta kif preżentata lill-Kunsill.

4.2.1 Quot/017/2012 – Street light maintenance – Il-Gudja. Il-Kunsill ħa konjuzjoni li ma rċieva l-eba offerta f'dan ir-rigward.

Il-Kunsill filwaqt li qabel li jkompli jikseb dan is-servizz mingħnad il-kuntrattur Nexos Street Lighting qabel ukoll li jfittex id-direzjoni mingħand ir-Reġjun peress li xi żmien ilu kien intqal li r-Reġjun kellu jieħu deċiżjoni dwar dan is-servizz.

Il-Kunsill qabel li għandu jsir xogħol ta' patching bil-cold asphalt fi Triq Sta Katarina, Triq Joseph Pace u Triq Birżebbuġ, il-Gudja.

**5.0 Aġġudikazzjoni ta' Tenders**

5.1 Tender no GLC/013/2013 – Supply and delivery of concrete. Saret diskussjoni tal-offerti li rċieva l-Kunsill u wara deliberazzjoni ġie deċiż li l-aħjar offerta hija dik ta' Denfar Concrete Supplies Ltd u għalhekk

għandha tingħata lil Denfar Concrete Supplies Ltd, għall prezz u l-konsiderazzjonijiet kollha tal-offerta kif preżentata lill-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li jiġu iffirmati il-kuntratt mad-Denfar skond il-proċeduri stabbiliti.

**6.0 Xogħlijiet u Progress**

6.1 Triq San Pawl. Il-Kunsill ġie infurmat li l-Perit William Lewis ħareġ il-kont dwar il-bankini iżda għamel riserva dwar li għandhom issiru xogħlijiet dwar nuqqasijiet.

Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur Mario Spiteri għandu jiġi nfurmat dwar dan u jekk dawn ix-xogħlijiet dwar nuqqasijiet ma jsirux fi żmien qasir il-Kunsill iqabbad kuntrattur ieħor sabiex jagħmel ix-xogħlijiet meħiteġa u l-ammont tal-flus li jħallas il-Kunsill jjiġu mnaqqsa mill-ammont tax-xogħlijiet kif maħruġa mill-Perit William Lewis.

6.2 Toroq oħra:- Triq il-Kbira, Triq Birzebbuga, Triq Sta Katarina, Triq J. Pace, Triq id-Dejqa, Triq San Mark, Triq il-Fidwa, Wesgħet A. Dalli, Triq Hal Resqun, Triq Hal Safi u Triq F.Castagna. Il-Kunsill qabel li jimxi kif ġie deċiż f'laqgħat preċedenti.

6.3.0 Residential Parking Scheme.

6.3.1 Is-Sindku spjega li kienu qed issiru preparamenti mal-kuntrattur magħżul sabiex dan il-proġett jitwettaq skond kif iddeċieda l-Kunsill fil-laqgħat preċedenti u fl-aħjar interess tar-resideni tal-Gudja f'dan ir-rigward.

6.3.2 Permessi speċjali. Il-Kunsill qabel ukoll li dwar fejn ikun hemm ħtieġa li joħorġu permessi speċjali dwar il-parkeġġ ta' vetturi li għalkemm mhux reġistrati f'indirizz fil-Gudja, it-talba għal dawn il-permessi speċjali għnahdom jiġu referuti lill-Kunsill u li wara deliberazzjoni xierqa l-Kunsill ikun l-organu li jiddeċiedi dwar il-ħruġ jew le dwar dan il-permess kif mitlub.

6.4 Konkos qalb l-għlieqi – Triq Birżebbuġa. Il-Kunsill qabel li jimxi kif ġie deċiż f'laqgħat preċedenti.

**7.0 Skema ta' Impjieg Inklussiv fil-kommunita**

7.1 Il-Kunsill qabel li peress li ma kienx irċieva informazzjoni defenittiva dwar min ser jkun responsabbli dwar il-pagamenti ta' dan is-servizz, il-Kunsill ma jitax jieħu pożizzjoni dwar din l-iskema.

**8.0 Finanzi**

8.1 Petty Cash. Il-Kunsill approva in-nefqa ta' €139.29 għax-xahar ta' Diċembru 2012 kif ippreżentati lill-Kunsill.

8.2 Skeda ta' pagamenti. L-iskeda tal-pagamenti għax-xhur ta' Novembru/Diċembru 2012 għas-somma ta' €41,119.29 ġiet approvata wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fuq l-istess skeda.

8.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet

8.3.1 Il-Kunsill qabel li jinxtraw boroż ta' tarmac skond kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien peress li l-Kunsill ikun qed iwettaq dan ix-xogħol bl-aktar nefqa vantaġjuża għall-Kunsill.

8.3.2 Xogħol ta' konkos fi trejqa qrib il-kamra tan-nar taċ-Ċintura. Il-Kunsill qabel li jitkompla u jitlesta x-xogħol skond l-istima tal-Perit William Lewis.

8.3.3 Xogħol dwar is-sentral strip fil-bidu ta' Triq R. Caruana Il-Gudja. Il-Kunsill qabel li jikseb l-istima mingħand il-Perit William Lewis.

8.3.4 Dwar xogħlijiet u nefqa oħra l-Kunsill qabel u ddeċieda li japprova dawk ix-xogħlijiet, ix-xiri ta' servizzi u materjal kif imsemmija aktar il-fuq f'dawn l-istess minuti.

**9.0 Għeluq tal-laqgħa**

9.1 Performance Bonus Appraisal – Joseph Mary Formosa – Segretarju Eżekuttiv. Wara konsiderazzjoni ta' miżuri ta' kejl u spjegazzjonijiet u kummenti ta' spjegazzjonijiet u fuq rakkomandazzjoni tas-Sindku , l-Kunsill approva li jingħata performance bonus ta' 10%.

NB: Għal din il-parti s-Segretarju Eżekuttiv ħareġ mil-laqgħa.

Il-Kunsill qabel ukoll li l-pagament ta' dan il-performance bonus issir wara li l-Kunsill jirċievi l-konferma tad-Direttur tal-Gvern Lokali skond il-proċedura stabbilita.

9.2 Performance Bonus Appraisal – Antoinette Azzopardi – Assistant Principal. Wara konsiderazzjoni tar-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv dwar il-miżuri ta' kejl u l-livell milħuq u kwalita tajba tax-xogħol, il-Kunsill qabel li japprova li jagħti r-rata massima ta' 6% u li dan il-pagament issir sal-aħħar ta' Frar 2013.

9.3 Laqgħa pubblika. Il-Kunsill ħa konjuzjoni tar-Rapport Amministrattiv u pjan ta' ħidma u qabel li tissejjaħ laqgħa pubblika skond l-Artikolu 70 tal-Att 363 dwar il-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 28 ta' Frar 2013 sabiex jiġu trattati l-affarijiet u aspetti kif imsemmija fl-istess artikolu u kif ikun meħtieġ waqt l-istess laqgħa pubblika.

9.4 Approvazzjoni tal-Financial Statements għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2012. Wara li ħa konsiderazzjoni meħtieġa, l-Kunsill approva dawn il-financial statements u qabel li dawn il-financial statements jiġu iffirmati mis-Sindku John Mary Calleja u mis-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Joseph Mary Formosa u li jittieħdu l-proċeduri meħiteġa kif diġa stabbilita.

9.5 Approvazzjoni ta' quarterly financial reports numru 3 u numru 4. War li ħa l-konsiderazzjoni meħtieġa l-Kunsill approva dawn ir-rapport ta' kull kwart kif preżentati u qabel li wara li jiġu iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv dawn għandhom jiġu ppreżentati lid-Dipartiment għal-Gvern Lokali skond proċeduri stabbiliti.

***Aġġornament***

Il-Laqgħa ġiet aġġornata fid-9.05pm għal nhar il-Ġimgħa 01 ta' Marzu 2013 fis-5.45p.m. bl-Agenda li tiġi iċċirkulata għand il-Kunsillieri kollha aktar il-quddiem.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________